VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,768, 14 ta' Jannar, 2022
Taqsima B

A.L. 9 tal-2022

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26 u 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 465.48.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fis-17 ta' Jannar 2022:

Iżda r-regolamenti prinċipali li qegħdin jiġu emendati bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li għadhom fis-seħħ, inkluż wara s-17 ta' Jannar 2022, għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur ta' dawk l-istess regolamenti.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. It-tieni proviso għas-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

" Iżda wkoll l-individwi li ġejjin għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit li jilbsu maskra tal-wiċċ:

(a) tfal sat-tliet (3) snin;

(b) persuni b'impedimenti konjittivi, fiżiċi, mentali jew respiratorji severi li għandhom diffikultajiet biex jittolleraw maskra kif iċċertifikat minn tabib liċenzjat, f'liema każ individwi bħal dawn għandhom f'kull ħin iġorru ċ-ċertifikat mediku rilevanti li jeżentahom milli jilbsu maskra; u

(ċ) persuna li tkun barra jew massimu ta' żewġ (2) persuni li jkunu barra flimkien u li t-tnejn ikollhom fil-pussess tagħhom ċertifikat tat-tilqima validu:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda l-paragrafu (ċ) ma japplikax fil-każ li jkun japplika standard, regolament jew ordni ieħor li jirrikjedi l-ilbies tal-maskra.".